Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 18**
**Data:** It-Tlieta, 27 ta' Ġunju 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużat**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

**18.1 Ittri ta' apoloġiji**

18.1.1 Il-President semma li s-Sur Clifford Galea, Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Charles Bonello talbu li jkunu skużati minħabba impenji relatati ma' xogħol jew ma' safar jew affarjiet personali oħrajn.

18.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti jitniżżlu bħala skużati.

**18.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 17**

18.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

18.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**18.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 18**

18.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u Chev Paul Farrugia, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-27 ta' Mejju 2023 2023 u 27 ta' Ġunju 2023 li kienet tammonta għall-€109,372.65.

**18.4 Komunikazzjonmi mill-President**

**18.4.1 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali**

Il-President semma li għaddejjin il-laqgħat anki fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti sabiex jiġi konkluż dan il-ftehim.

**18.4.2 Bus Shelters**

Il-President semma li l-ftehim bejn il-partijiet ġie konkluż u issa ser ikun hemm laqgħat bejn il-partijiet sabiex il-kuntrattur jibda jipproċedi bit-talbiet tal-Bus Shelters li kienu saru mill-Kunsill Lokali.

Semma li qed isiru wkoll laqgħat ma' Transport Malta sabiex il-proċess ikun wieħed effiċjenti.

Semma li hemm diskussjonijiet ukoll mal-Enemalta peress li hemm ħafna Bus Shelters li m' għandhomx elettriku u ma jistgħux jinxtgħelu.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **18.4.3 Foundation for Social Wellbeing Project** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tattendi għal Task Force Meeting li qed ikun organizzat mill-Fundazzjoni stess sabiex jibdew il-preparamenti sabiex jinbeda l-proġet RIGTHS. Dan il-proġett ser ikun qed jiffoka sabiex jiġu stabbiliti il-Kunsilli Reġjonali ta' tfal. Semma li s-Segretarju Eżekuttiv qed tattendi għal dawn il-laqgħat. |
| **18.4.4 Taħriġ** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni iffnalizzat dokument ta' taħriġ. Dan ser tkun ukoll qed tagħddih lil UĦM sabiex ikun approvat min-naħa tagħhom ukoll. |
| **18.4.5 Post Vakant Skala 11** | Il-President semma li l-unika applikazzjoni li daħħlet mill-proċess intern kienet ġiet imwaqqa' ftit minuti biss qabel il-laqgħa tal-Eżekuttiv.<br>Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkompli l-proċess mal-Jobsplus. |
| **18.4.5 Internal Audit Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali** | Il-President semma li kif kien informa kine għaddej internal audit mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Semma li d-Diviżjoni kienet ikkommissjonat kumpanija sabiex tagħmel dawn il-verifiki interni. Wara li l-Assoċjazzjoni bdiet dan l-awdititjar bdiet tara nuqqasijiet u deffiċjenzi li l-awdituri bdew jaħdmu bihom. L-Assoċjazzjoni ġibdet mill-ewwel l-attenzzjoni tad-Diviżjoni.<br>Il-President semma li ma jistax ma jsemmix li l-istess kumpanija hija wkoll responsabbli mill-accounts u bookeeping tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien. Il-President semma li wara li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni ġiet imsejħa sabiex taġixxi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' l-istess Kunsill, hija u tiċċekja r-Rapporti Finanzjarji sabet diskrepanzi bejn l-Estimi Finanzjarji approvati mill-Kunsill u l-Estimi imdaħħlin fir-Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena 2023 kif ukoll figuri fir-rapport li ma kienux qed jagħmlu sens man-nefqiet tal-Kunsill. Semma li l-Kunsill għalaq l-ewwel kwart b' deficit, wara li minn jheddhom l-accountants irrevedew ir-rapport tal-ewwel kwart dan d-deficit naqqas bin-nofs. Semma li ġew innutati diversi nuqqasijiet fundamentali li qed issiru minn din il-kumpanija għaldaqatant, huwa informa li qabel issir laqgħa bejn il-partijiet u kulħadd jerfa' ir-responsabbilita' tiegħu, l-Assoċjazzjoni mhux ser tittollera dawn in-nuqqasijiet u n- |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

nuqqas ta' professjonalita' ta' servizzi li qed jitħallsu minn fondi pubbliċi.
Il-President talab l-approvazzjoni wkoll tal-Eżekuttiv sabiex dan l-awditjar ma jkompliex qabel issir laqgħa ħalli jiġu stabbiliti dawn in-nuqqassijiet kif ukoll jiġu indirizzati mal-kumpanija. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li l-awditjar ma jitkompliex qabel jiġu indirizzati dawn l-problemi.

**18.4.6 Laqgħa mal-Ombusdman**

Il-President semma li kien żamm laqgħa mal-Ombusdman. Semma li din il-laqgħa kienet waħda pożittiva u ser ikun qed ikompli jaħdem sabiex ikun stabbilit qafas kif Reġjun jew Kunsill Lokal ikunjista' jindirizza problemi li qed jiltaqa' magħhom minħabba entitajiet oħrajn.
Il-President semma li ser ikun qed jitlob laqgħa mal-Presidenti Reġjonali.

**18.4.7 Fondazzjoni għat-transport**

Il-President semma li fi ħdan Tranport Malta ġiet imwaqqfa Fondazzjoni sabiex fost l-għanijiet ewlenin din tindirizza sfidi lokali relatati mas-suġġett.
Il-President semma li ser ikunu qed jibdew sensiela tal-laqgħat sabiex jiġu rimarkati l-isfidi li l-Kunsilli Lokali qed jaffaċjaw f' dan is-settur. Semma wkoll li huma qed jipproponi li xi lokalitajiet ibidlu l-ħin tal-ġbir ta' skart. Il-President irrimarka li minkejja li din m' hijiex impossibbli din trid issir b' ħafna diskussjoni mal-partijiet kollha ikkonċernati.

**18.4.8 Inecto**

Il-President semma li kellu laqgħa mal-kumpanija Inecto sabiex tati soluzzjonijiet fuq bażi Reġjonali biex isir il-ġbir tal-Bulky.
Il-President stieden lir-Reġjuni sabiex jiltaqgħu u jiddiskutu aktra fit-tul.

**18.4.9 MCAST Library**

Il-President semma li wara diskussjonijiet li kien hemm mal-MCAST, l-Assoċjazzjoni ipparteċipat fil-ftuħ tal-librerija għall-Komunita' ġewwa l-MCAST.

**18.4.10 IT Audit – Kunsilli Lokali**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kellha laqgħa ma' l-Uffiċju tal-Verifika rigward l-awditjar tas-sistemi tal-IT.

**18.4.11 Rivużjoni lill-Kunsilli Reġjonali mill-iskemi**

Il-President semma li għaddhom għaddejjin il-laqgħat mal-Green Pak kif ukoll Green MT rigward ir-revużjoni tal-ġbir ta' skart riċiklabbli u l-ħġieġ.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **18.4.12 Water Service Corportaion** | Il-President semma li għaddejjin laqgħat ukoll mal-Water Service Corporation fuq toroq li kien intuża fuqu hot asphalt. |
| **18.4.13 Stedina Brisbane** | Il-President semmal li l-Assoċjazzjoni kienet ġiet mistiedna mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ġewwa Brisbane. Il-President semma li minħabba spejjeż li din tirrikjedi, l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun qed tattendi għal din l-istedina. |
| **18.4.14 ELENA** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet mistiedna sabiex tkun fuq il-panel waqt konferenza organizzata mill-MIEMA fuq il-proġett ELENA. Il-Presidnet semma li s-Segretarju Eżekuttiv kien ser jattendi. |
| **18.4.15 Parlament ta' tfal** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kient ġiet rappreżentata minn ħaddiema tal-Assoċjazzjoni waqt il-Parlament ta' tafl organizzat minn Eko Skola. |
| **18.4.16 Anti Racisim Platform** | Il-President semma li nhar 30 ta' Ġunju kien hemm laqgħa oħra mill-Anti Racisim Platform. |
| **18.4.17 MCAST Summer Camp** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni dan is-sajf kienet ta sostenn għas-Summer Camp ġewwa l-MCAST. Semma li nhar 31 t' Awwissu l-Assoċjazzjoni ingħtat l-opportunita' sabiex tippreżenta l-irwol tal-Kunsilli kif ukoll tippromovi dibattiti sani bejn l-istudenti fuq suġġetti kurrenti.<br>Il-President semma li l-Kunsilli Reġjonali huma mistiedna jattendu. |
| **18.4.18 Konsultazzjoni – Integration Policy** | Il-President semma li kien infetaħ perjodu ta' konsultazzjoni fuq il-policy tal-integrazzjoni. |
| **18.4.19 Korrispondenza minn resident** | Il-President semma li resident kien bagħat lill-Assoċjazzjoni bl-avukat minħabba stat ta' bankini fil-lokalita' tiegħu. Il-President semma li kien ikkomunika kemm mar-resident kif ukoll mal-Kunsill rispettiv. |
| **18.4.20 Heritage Trail – Siġġiewi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet mistiedna minn Eko Skola sabiex tattendi għat-tnedija ta' Heritage Trail mill-iskola Primarja tas-Siġġiewi. Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv attenda għal din it-tnedija. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **18.4.21 ALDA – Vicenza Local Democracy Training** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni tat opportunita' lir-Reġjuni sabiex flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ħaddiema tal-Assoċjazzjoni jmorru għall-taħriġ ġewwa Vicenza. Semma li l-ispejjeż huma kollha koperti mill-ALDA. |
| **18.4.22 Laqgħa mill-ERA fuq Consignment Notes** | Il-President semma li l-ERA kienet organizzat laqgħa għall-kolletturi tal-Bulky kif ukoll Kunsilli Lokali rigward emendi fil-proċeduri tal-Consignments Notes. |
| **18.4.23 Taħriġ mid-Diviżjoni** | Il-President semma li d-Diviżjoni kienet ser torganizza taħriġ – Train the Trainer bħala parti mit-tletin sena anniversarju tal-Kunsilli Lokali. |
| **18.4.24 Green Awards** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni hija mistiedna li tipparteċipa fil-Green Awards li ser isiru nhar 28 ta' Lulju 2023. |
| **18.4.25 SEM** | Il-President semma li li kienet intbgħatet ċirkulari b' taħriġ li kien ser ikun organizzat mis-SEM. Huwa inkoraġġixxa lil dawk kollha biex jattendi. |
| **18.4.26 EUROPE Hope** | Il-President semma li li wara li s-Segretarju Eżekuttiv attenda l-konferenza anwali tal-ALDA ġewwa Brussel, l-Assoċjazzjoni ġiet avviċinita sabiex tipparteċipa fil-proġett EUROPE Hope bl-iskop li jitqajjem għarfien fuq il-ħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-votazzjoni għall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew kif ukoll dawk tal-Kunsilli Lokali. |
| **18.4.27 Kaleci Old Town Festival** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni mistiedna sabiex tattendi l-Festival ġewwa Antalya t-Turkija f' Ottubru 2023. Il-President semma li ser ikun qed jattedi huwa flimkien mas-Sur Stephen Sultana u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Preisdent semma li l-Assoċjazzjoni trid tkopri l-ispejjeż tal-biljetti tal-vjaġġi. |
| **18.4.28 Green Roof** | Il-President semma li Green Roof ġie ffinalizzat. Semma li ser ikunq ed jibda xogħol ta' manutenzjoni fis-sala li tinstab ġewwa l-binja minħabba ilma li daħħal minn fuq il-bejt.<br>Il-President fakkar li kienet infetħet claim mal-insurance f' dan ir-rigward. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

Il-Presidnet semma wkoll li flok tinda kienu ser jinxtraw erba' umbrellel tajibin għax-xemx u li kienu kbar biżżejjed li jilqgħu u jagħttu l-bejt kollu.

**18.4.29 Skala 8 jew skala 9**

Il-President semma li waqt id-diskussjonijet li għaddejjin fil-laqgħat tal-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali, jidher li hemm sfida u anki gap bejn l-irwol u l-iskala tas-Segretarju Eżekuttiv u l-għolja kariga tal-ħaddiema klerikali. Semma li dan jista' jiġi mmitigat billi tidħol skala oħra bejn dak tas-Segretarju Eżekuttiv u l-Assistent Prinċipal.
Semmew ukoll il-kwistjoni tal-iskala tas-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjuni.

18.4.30 Is-Sur Jesmond Aquilina talab li jkun skużat 18:45

**18.4.31 Leave mhux meħud**

Il-President semma li minħabba l-bżonn li s-Segretarju Eżekuttiv tal-assoċjazzjoni kellha tokkupa wkoll l-irwol ta' Aġent Deputat fil-Kunsill Reġjonali Port u Deputat fil-Kunsill Lokali ta' Ħal-Tarxien, din għaliha huwa impossibbli sabiex tieħu l-leave. Għaldaqstant, kien ser jinforma lid-Direttur b' dan.

**18.4.32 Kontribuzzjoni fuq rivista**

Il-President semma li kien ikkuntatjat mis-Sa. Antoinette Cefai fejn talbet lill-Assoċjazzjoni tati kontribut f' rivista maħruġa li titkellem fuq l-immaniġjar ta' kumpaniji u aġenziji. Semma li din l-kontribuzzjoni li sservi wkoll bħala riklam għall-Assoċjazzjoni tiswa €800.

**18.4.33 IDEA**

Il-President semma li kien ġie avviċinat mill-General Manager ta' IDEA group li bħala att simboliku ta' 30 sena ta' Gvern Lokali, l-IDEA Accedemy xtaqet tiffirma ftehim mal-Assoċjazzjoni fejn din ser tkun qed tati 30% skont lill-istudenti li huma ħaddiema tal-Kunsilli jew Membri Eletti.

**18.4.34 Projects Green**

Il-President semma li kellu laqgħa ma' CEO fejn kienet ikkontestata d-deċiżjoni li ħadu Projects Green li jeliminaw kompletament proġett ta' ħdura fl-urban propost mill-Assoċjazzjoni.
Semma wkoll li waqt din il-laqgħa, il-President ura d-diżappunt tiegħu għal mod kif saru l-affarjiet meta għandek kunsilli li lanqas ġew ikkonsultati bi proġetti sottomessi mill-NGOs fil-lokal.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **18.4.35 AGM – Kunsilli Reġjonali** | Il-President xtaq jinnota kif ukoll jirringrazzja lill-Kunsill Reġjonali tal-Port u dak tal-Lvant li organizzaw AGMs interssanti u ta' livell għoli fid-diskussjoni. Il-Presidnet iffaħħar ukoll l-branding li kien sar sabiex ir-Reġjun jingħata dehra aktra professjonali. |
| **18.4.36 Health and Saftey** | Il-President semma li kienet organizzata laqgħa bis-sehem tas-Segretarjat għall-Gvern Lokali minn kumpanija li tieħu ħsieb is-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-xogħol kif ukoll l-formazzjoni ta' Risk Assessments. Semma li waqt il-laqgħa jidher li ingħatat xi informazzjoni skorretta speċjalment għal dak li l-Kunsill Lokali huwa responsabbli għalih. Għaldaqstant, l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tieħu parir legali għall-interpretazzjoni tal-liġijiet li bdew jiġu diskussi. Dan sabiex tkun f' pożizzjoni li tinforma lill-Kunsilli Lokali. |
| **18.4.37 Karavans** | Il-President semma li d-diskussjonijiet f'dan ir-rigward tkomplew. Semma li saru laqgħat anki mal-assoċjazzjoni tal-Caravans. Semma wkoll li ser jibdew jinħarġu permessi fuq tliet ijiem. |
| **18.4.38 Emenda legali fuq ħlasijiet tal-permessi** | Il-President semma li jixtieq jiddikjara u anki titniżel fil-minuti li huwa ġie miżgwidat minn direzzjoni li ngħtat mid-Diviżjoni mil-Legal unit li l-emenda li kienet ser issir fl-avviż legali 441.41. Huwa qal li kien talab konferma mill-avukat tad-Diviżjoni li l-emenda proposta mhux ser tkun qed timpatta lill-Kunsilli Lokali fin-negattiv. Semma li huwa ngħata risposta li din ma kinitx ser timpatta bl-ebda mod lill-Kunsilli Lokali. Minkejja dan jidher li peress li ġiet eliminata l-kelma "oġġetti oħra", il-Kunsilli Lokali bħalma huma dak tal-Floriana spiċċaw ser jitilfu elfu kbar fuq avvenimenti li jiġu organizzati fil-lokal minn terzi u minn businesses kbar. Semma li dan kollu huwa dokumentat hu huwa jinstab verament urtat li emenda legali biex taġevola lill-erba' persuni li qegħdin fil-kummerċ għaddiet fl-inqas żmien possibbli kkomparat mat-tul taż-żmien li wieħed jieħu biex jemenda avviż legali favur il-Kunsilli Lokali. |
| **18.4.39 Proġett ta' Ritratti** | Il-President semma li kien qed jiġi konkluż il-proġett ta' ritratti f'kull lokalita'. Semm li kienu ser jiġu ordnati sitt kolonni tal-injam sabiex issir esebizzjoni ġewwa l-Barrakka ta' Fuq waqt l-avveniment li kien ser jiġi organizzat nhar 22 ta' Lulju 2023. |

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

| | |
|---|---|
| **18.4.40 Teambuilding** | Il-President propona li għandu jiġi organizzat teambuilding għall-Kunsilli Reġjonali u Lokali. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Stephen Sultana, l-Eżekuttiv approva din il-proposta. |
| **18.4.41 Attivita' ġewwa Għawdex** | Il-President propona li għandha ssir attivita ta' 30 sena ta' Gvern Lokali ġewwa Għawdex. Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva din il-proposta. |
| **18.4.42 Green Public Procurement** | Il-President semma li kien avviċinat mill-Ministeru tal-Ambjent sabiex ikun organizzat taħriġ għall-ħaddiema kif ukoll Segretarji Eżekuttivi fuq il-Green Public Procurement. |

**18.5 Komunikazzjoni mill-Membri**

18.5.1 Is-Sur Stephen Sultana xtaq juri soledarjeta' mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara li spiċċa ġie immultat wara sentenza tal-Qrati is-somma ta' €51,000 wara li ċiklist waqa' fi sprall.

18.5.2 Is-Sur Stephen Sultana semma li għandu jkun hemm laqgħa uffiċjali mal-Enemalta sabiex issiru diskussjonijiet fuq Demarcation Boxes.

**18.6 Aġġornament**

18.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tnejn, 31 ta' Lulju fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.19 li nżammet nhar it-Tnejn, 31 ta' Lulju 2023 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**

**President**

**Lianne Cassar**

**Segretarju Eżekuttiv**